MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT

## JOANNE VELLA CUSCHIERI

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 81/2012

**HSBC Bank Malta plc**

**-vs-**

**Paschalino Cefai u martu Jenny Cefai**

**Il-Qorti,**

Illi permezz tar-rikors guramentat il-bank attur ippremetta:-

1. Illi l-intimati huma debituri fil-konfront tieghu fl-ammont komplessiv ta' mitejn u disgha u tmenin elf mitejn u disgha u hamsin euro u erbgha u sittin centezmu (€289,259.64) dovuti kif sejjer jigi spjegat hawn taht:

a. ammont totali ta' tlieta u ghoxrin elf tmien mija u tnejn u disghin euro u wiehed u sittin centezmu (€23,892.61) in kwantu ghal wiehed u ghoxrin elf seba' mija u zewg euro u erbgha u sebghin centezmu (€21,702.74) bhala kapital u elfejn mija u disgha u tmenin euro u sebgha u tmenin centezmu (€2,189.87) bhala nteressi fuq dan il-kapital, b'effett sat-tletin (30) ta' Lulju elfejn u tnax (2012), fuq Flexicredit Loan account numru 071-037659-300, salvi nteressi ulterjuri b'effett mill-wiehed u tletin (31) ta' Lulju elfejn u tnax (2012). Dan l-ammont huwa dovut bhala bilanc minn ammont ikbar naxxenti minn personal term credit agreement iddatat il-hdax (11) ta' Novembru elfejn u erbgha (2004).

b. ammont ta' erbat elef tmien mija u hamsa u erbghin euro u sebgha u tletin centezmu (€4,845.37) dovut kwantu ghal erbat elef tliet mija u tlieta u hamsin euro (€4,353) bhala kapital u erba' mija u tnejn u disghin euro u sebgha u tletin centezmu (€492.37) bhala nteressi fuq dan il-kapital, b'effett sat-tletin (30) ta' Lulju elfejn u tnax (2012), fuq Rescheduled Overdraft Account numru 071-034714-3401, salvi ulterjuri b'effett mill-wieehd u tletin (31) ta' Lulju elfejn u tnax (2012).

Originarjament dan l-ammont kien dovut fuq Visa Gold Card Facility - Visa Classic Card u Visa Gold Card bin-numri 4568820182497591 u 4035710035701254 li kienu nfethu rispettivament fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru elfejn u sitta (2006) u fit-tnax (12) ta' Ottubru elfejn u sitta (2006).

c. Ammont ta' tliet u tletin elf tmien mija u tmienja u erbghin euro u sitta u sebghin centezmu (€33,848.76) in kwantu ghal tnejn u tletin elf mija u sebgha euro u tmenin centezmu (€32,107.80) bhala kapital, u elf seba' mija u erbghin euro u sitta u sebghin centezmu (€1,740.90) bhala nteressi fuq dan il-kapital b'effett sat-tletin (3) ta' Lulju elfejn u tnax (2012) fuq Rescheduled Overdraft Account numru 071-037659-340, salvi nteressi ulterjuri b'effett mill-wiehed u tletin (31) ta' Lulju elfjen u tnax (2012).

d. Ammont ta' mitejn u sitta u ghoxrin elf sitt mija u tnejn u sebghin euro u disghin centezmu (€226,672.90) in kwantu ghal mitejn u sitt elef u tnejn u erbghin euro u ghaxar centezmi (€206,042.10) bhala kapital u ghoxrin elf sitt mija u tletin euro u tmenin centezmu (€20,630.90) bhala nteressi fuq dan il-kaptial, b'effett sat-tletin (30) ta' Lulju elfejn u tnax (2012) fuq Rescheduled Overdraft Account numru 071-037659-200, salvi nteressi ulterjuri b'effett mill-wiehed u tletin (31) ta' Lulju elfejn u tnax (2012).

Dawn l-ahhar zewg ammonti kienu originarjament jiffurmaw parti minn overdraft account numru 071-037659-001 li nghatat bis-sahha ta' sanction letter tal-erbgha (4) ta' Marzu elfejn u disgha (2009), liema kont imbaghad inqasam fi tnejn bis-sahha ta' sanction letter ohra tal-hmistax (15) ta' Marzu elfejn u ghaxra (2010) wara li l-intimati eccedew il-limiti ta' dak il-kont originali.

2. illi dawn id-debiti jirrizultaw ukoll minn zewg kutnratti pubblici, wiehed ta' overdraft and banking facilities ippubblikat min-Nutar Enzo Refalo fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' April elfejn u tmienja (2008) u l-iehor ta' estensjoni ta' dawn il-facilitajiet ippubblikat mill-istess Nutar fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu elfejn u disgha (2009).

3. illi minkejja li gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Ottubru elfejn u hdax (2011), debitament innotifikata lilhom fil-hamsa (5) ta' Dicembru tal-istess sena, sabiex jirregolaw ruhhom u jhalsu l-ammont dovut minnhom, l-intimati baqghu nadempjenti.

Il-bank attur talab li din il-Qorti:

1. tiddikjara li l-konvenuti huma debituri fil-konfront tal-HSBC Bank Malta plc fl-ammont komplessiv ta' mitejn u disgha u tmenin elf mitejn u disgha u hamsin euro u erbgha u sittin centezmu (€289,259.64) dovuti kif fuq inghad.

2. tikkundannahom ihallsu dan l-ammont, flimkien ma' interessi ulterjuri b'effett mill-wiehed u tletin (31) ta' Lulju ellfejn u tnax (2012) sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Ottubru elfejn u hdax (2011), numru 733/2011 u tal-ittra ufficjali tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru elfejn u hdax (2011), numru 220/2011 u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Rat rat ir-risposta guramentata ta' Jenny Cefai fejn eccepiet:

Illi fl-ewwel lok irid jigi rilevat li l-konvenut Paschalino Cefai ghadu m'huwiex debitament notifikat skont il-ligi;

Illi fit-tieni lok u minghajr ebda pregudizzju ghall-premess trid issir il-prova li l-ammonti ndikati fir-rikors promotorju huma realment dovuti;

Illi ghar-rigward l-imghaxijiet dawna gew ikkomputati bhala "compound interest", haga li m'hijiex permessa skont il-ligi.

Salvi risposti ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat illi Paschalino Cefai gie debitament notifikat nhar il-11 ta' Dicembru, 2012 u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni mqajjma mill-intimata Jenny Cefai gie sorvolata.

Rat ir-risposta guramentata ta' Paschalino Cefai fejn eccepixxa:

Illi fl-ewwel lok trid issir il-prova li l-ammonti ndikati fir-rikors promotorju huma realment dovuti;

Illi ghar-rigward l-imghaxijiet dawna gew ikkomputati bhala "compound interest", haga li m'hijiex permessa skont il-ligi.

Salvi risposti ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dokumenti kollha annessi mal-istess rikors guramentat.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat ix-xhieda u l-atti kollha.

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' Ottubru, 2014 il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Bank rikorrent.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati minkejja li din giet prezentata oltre t-terminu moghti lilhom.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-bank rikorrent isostni li l-intimati huma debituri fil-konfront tieghu fl-ammont komplessiv ta' mitejn u disgha u tmenin elf mitejn u disgha u hamsin Euro u erbgha u sittin centezmu (€289,259.64). Sabiex jissostanzja l-pretensjoni tieghu r-rikorrent indika fid-dettal fit-talba tieghu l-ammont komplessiv kif inhu mqassam inkluz kif gew kalkolati l-imghaxijiet u ghal kull ammont esebixxa dokumentazzjoni li tipprova tali ammont, fejn fost evidenza ohra gew esebiti is-'sanction letters' u l-kuntratti pubblici relattivi kif ukoll il-kontijiet tal-bank. Il-kuntratti gew ukoll konfermati mill-istess Nutara Pubblici li ppubblikawhom bix-xhieda taghhom quddiem il-Qorti. Xehdu wkoll rapprezentanti tal-Banek fosthom Joseph Cordina li kkonferma li l-imghaxijiet gew komputati bhala 'simple interest' kif ukoll ikkonferma l-ammonti dovuti[1].

Illi min- naha taghhom l-intimati permezz tax-xhieda taghhom stess u cioe' ta' Jenny Cefai[2] u ta' Paschalino Cefai[3] fl-ebda hin ma kkontestaw illi l-ammonti bhala kapital huma dovuti. Paschalino Cefai *ex admissis* xehed illi dawn huma tal-bank u li huma dovuti. Ghalhekk in vista ta' dan kollu din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tindaga oltre dwar il-kapitali dovuti u tqis li din it-talba hija gjustifikata u l-eccezzjonijiet tal-intimati f'dan ir-rigward mhux gjustifikati.

---

[1] Fol. 68 et seq inkluz affidavit a fol. 75.
[2] Fol. 92 et seq tal-process.
[3] Fol. 152 et seq tal-process.

Illi t-tieni eccezzjoni mqajjma mill-intimati kienet fis-sens illi l-imghaxijiet mhumiex dovuti stante li skont huma gew ikkomputati bhala 'compound interest', haga li m'hijiex permessa skont il-ligi. Il-Qorti rat izda li l-Bank rikorrenti cahad illi dan sehh anzi pproduca bhala xhud lil Joseph Cordina li kif gia nghad aktar 'il fuq ikkonferma li l-imghax gie kalkolat bhala 'simple interest' u mhux kif qed isostnu l-intimati. Min-naha taghhom l-intimati ma ressqu l-ebda prova li tista' b'xi mod tikkontradixxi dan kollu. Mix-xhieda u d-dokumentazzjoni esebita din il-Qorti hija tal-fehma li l-Bank fil-kalkolazzjoni tieghu tal-imghaxijiet dovuti lilu agixxa fil-parametri tal-ligi u ghalhekk l-eccezzjoni mqajjma mir-rikorrenti f'dan ir-rigward ukoll mihiex gjustifikata.

Illi ghalkemm ma tqajjmitx bhala eccezzjoni mill-ebda mill-intimati, il-provi kollha mressqa mill-intimati kienu fis sens illi huma ma kienux qed jaqblu li jithallsu imghaxijiet ghaliex skont huma saru diversi tentattivi sabiex isiru l-pagamenti dovuti u kien il-bank rikorrent li m'accettax l-istess pagamenti. L-istess intimati spjegaw li dan kollu kien rizultat ta' ordni ta' ffrizar mahrug f'Marzu 2011 fuq l-assi u l-proprjeta' tieghu konsegwenza ta' procedura kriminali pendenti kontra tieghu. Fix-xhieda tieghu l-intimat spjega minfejn skont hu giet il-proprjeta' tieghu fosthom illi l-flus li bihom huwa beda n-negozju tieghu gew minn wirt ta' missieru u mhux minn xi attivita' llegali li jinsab akkuzat biha.

Illi f'din il-kawza l-Qorti zgur ma tistax tidhol fil-mertu tal-ordni ta' ffrizar mahrug fil-konfront tal-intimat minn Qorti ohra fi proceduri li ghadhom pendenti. Li zgur huwa minnu izda hu li ghall-hrug tal-ordni ta' ffrizar ma jahtix u ma ghandu l-ebda responsabbilta' l-bank rikorrent u ghalhekk ma ghandux ibaghti xi konsegwenzi l-istess bank rikorrent. Jirrizulta in oltre li x-xhieda ma jaqblux f'dan ir-rigward fis-sens illi filwaqt li r-rapprezentanta tal-Bank direttament involuta Sharon Camilleri[4] tichad li hija qatt irrifjutat il-pagamenti, hija baqghet issostni anzi li din l-ordni ma kinitx il-problema biex isiru l-pagamenti izda l-problema kienet li l-intimati ma kellhomx minfejn ihallsu. L-istess xhud ikkonfermat li kieku l-problema kienet l-ordni ta' ffrizar kien isir ir-rikors appozitu sabiex l-Qorti tawtorizza l-bank bhala kreditur jaccetta l-pagamenti. Ix-xhud izda tikkonferma li fl-ebda mument l-intimati ma waslu fil-posizzjoni li setghu jibdew ihallsu. Min-naha l-ohra l-intimata Jenny Cefai u x-xhud Teddy Cefai ghalkemm jippruvaw fix-xhieda taghhom jikkonvincu li huma ppruvaw ihallsu, meta gew mistoqsija direttament dwar kif kienu ser jaghmlu biex ihallsu, fil-fehma ta' din il-Qorti, fir-risposti taghhom ma kienux konvincenti. Ghalhekk din il-Qorti tqis li l-verzjoni tal-Bank rikorrent hija aktar konvincenti anki ghaliex hija wkoll sopportata minn dak li tezigi l-ligi fil-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan kollu izda qed jinghad nonostante l-fatt li din il-lanjanza fl-ebda hin ma tqajjmet bhala eccezzjoni veru u proprja mill-intimati.

**<u>Decizjoni</u>**

[4] Fol. 119 et seq tal-process.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti, l-Qorti:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha mqajjma mill-intimati;
2. Tilqa t-talbiet kollha attrici kif dedotti;

Bl-ispejjez kollha kif mitluba ghandhom jigu sopportati mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------